MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 326/2008

**GO p.l.c. (C22334)**

***kontra***

**Alfred Schembri & Sons Limited (C11164) u s-socjeta' assikuratrici GasanMamo Insurance Limited (C3143) ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-3 ta' April 2008 li jaqra hekk–

*1. Illi s-socjeta' attrici, li precedentement kienet topera taht l-isem ta' Maltacom p.l.c. bidlet isimha, u dan fl-istess waqt li hija zammet l-istess personalita' guridika*

*ezistenti stante li n-numru ta' registrazzjoni taghha mar-Registratur tas-Socjetajiet baqa' l-istess, cioe' C-22334, u dan kif jirrizulta mill-anness dokument immarkat bhala Dok. A ;*

*2. Illi s-Socjeta' konvenuta Alfred Schembri & Sons Limited waqt li kienet qed taghmel xogholijiet infrastrutturali fi Triq l-iSkola, Msida matul ix-xahar ta' Frar 2006, liema xogholijiet kienu koperti bil-permess mahrug mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta u li jgib ir-referenza 1461/2005, ikkawzat danni fl-infrastruttura tas-socjeta' attrici fi Triq l-Iskola, Msida, ammontanti ghas-somma ta' erbatax-il elf mija wiehed u hamsin Euro u sbatax-il centezmu (€14,151.17) ekwivalenti ghal valuta antika ta' sitt elef u hamsa u sebghin Lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm6,075.10), u dan matul ix-xahar ta' Frar 2006 (File Relattiv – GT3/2006/08) ;*

*3. Illi nhar l-14 ta' Frar 2006, is-socjeta' attrici ghamlet rapport mal-Pulizija in konnessjoni ma' dawn il-hsarat, liema rapport igib ir-riferenza 6/M/260/2006 ;*

*4. Illi s-Socjeta' konvenuta Alfred Schembri & Sons Limited giet interpellata biex thallas u dan permezz ta' fattura bir-referenza MCO1800 datata 10 ta' April 2006, kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali li ggib ir-riferenza 2262/07 datata 10 ta' April 2006, kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali li ggib ir-riferenza 2262/07 datata 12 ta' Gunju 2007 debitament notifikata. L-istess ittra ufficjali giet notifikata wkoll lis-socjeta' assikuratrici konvenuta GasanMamo Insurance Limited in kwantu ghal polza ta' assikurazzjoni bir-riferenza 8545560248 mahruga in konnessjoni max-xogholijiet infrastrutturali fi Triq l-iSkola, Msida. L-ebda wahda mis-socjetajiet konvenuti ma effettwaw il-hlas mitlub mis-socjeta' attrici ;*

*5. Illi l-Avukat Dr. Keith Grech huwa mpjegat tas-Socjeta' attrici u jaf b'dawn il-fatti personalment, wara li*

*vverifika ma' l-informazzjoni kontenuta fil-files relattivi tas-Socjeta' attrici ;*

*6. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi s-Socjeta' attrici titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u provvedimenti opportuni -*

*Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta Alfred Schembri & Sons Limited responsabbli tal-hsarat ikkawzati lill-infrastruttura tas-socjeta' attrici kif aktar 'il fuq spjegat, u tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lis-Socjeta' attrici somma ta' erbatax-il elf mija wiehed u hamsin Euro u sbatax-il centezmu (€14,151.17) ekwivalenti ghal valuta antika ta' sitt elef u hamsa u sebghin Lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm6,075.10), in konnessjoni mal-hsarat fuq citati.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-prezenti, dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, u tal-ittra ufficjali bir-riferenza 2262/07 ipprezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Gunju 2007 u bl-imghaxijiet dekorribbli mit-12 ta' Gunju 2007, kontra s-Socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' attrici u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti prezentata fil-5 ta' Mejju 2008 li taqra hekk –

*1. Illi fil-konfront tas-socjeta' Alfred Schembri & Sons Limited jinghad illi l-incident in kwistjoni ma sarx tort*

*ta' htija tas-socjeta' intimata u dan billi, ghalkemm huwa ammess li l-impjegat tas-socjeta' esponenti laqat il-cable in kwistjoni, dan il-cable ma kienx f`post li kien gie mmarkat mir-rapprezentanti tal-Go plc. Illi inoltre, ma kien hemm l-ebda warning tape jew sinjal li jindika l-ezistenza tal-cable u inoltre l-cable ma kienx mghotti b'concrete surround kif huwa rikjest skond l-arti u s-sengha u inoltre, l-cable kien fil-baxx u ma kienx fil-fond solitu li jkun hemm il-cables u ghalhekk m'ghandhomx ibatu l-konsegwenzi relattivi. Sussegwentement ghall-incident, ir-rapprezentanti tal-Go plc ghamlu marki ohrajn izda fil-mument li sar l-incident dawn il-marki ma kienux fil-post.*

*2. Illi l-ammont mitlub huwa esagerat u ghalhekk trid issir id-debita prova dwar il-quantum tenut kont l-obbligu tas-socjeta' attrici sabiex tiehu dawk il-passi xierqa u opportuni sabiex id-danni jigu minimizzati.*

*3. Illi addizzjonalment mal-premess, is-socjeta' GasanMamo Insurance Limited m'ghandhiex relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza u dan billi r-relazzjoni taghha hija interament wahda kontrattwali bejnha u bejn l-assigurat taghha.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Qieset il-provi tal-partijiet.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-kumpannija attrici (minn fol 206 sa fol 219).

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-kumpanniji konvenuti (minn fol 222 sa fol 228).

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-30 ta` Settembru 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza in difett ta` ostakolu ghall-udjenza tal-lum.

Rat li ma hemm l-ebda ostakolu sabiex il-kawza tkun deciza llum.

**Ikkunsidrat :**

**<u>Il-Vertenza</u>**

Din hija kawza ghal danni akwiljani.

Il-kumpannija konvenuta Alfred Schembri & Sons Limited (“Schembri”) kienet inkarikata mill-Kunsill Lokali tal-Msida sabiex tezegwixxi xogholijiet ta` *road construction* u ta` *resurfacing* fi Triq l-Iskola, Msida (ara l-pjanta a fol 28). Waqt li kien ghaddej ix-xoghol, saret hsara fil-*cables* tal-kumpannija attrici (“GO”). Skond GO, din il-hsara kkagunatilha dannu ta` erbatax-il elf mija u hmistax-il Ewro u sbatax-il centezmu (EUR 14,151.17) li huma ekwivalenti ghal Lm 6075.10c.

Fil-kawza tal-lum, GO qeghda titlob li Schembri tkun ritenuta responsabbli talli kkagunat din il-hsara, u qeghda titlob li Schembri u l-assikurazzjoni taghha l-kumpannija konvenuta GasanMamo Insurance Agency Limited (“GasanMamo”) jew min minnhom ihallsuha l-*quantum* tad-danni fuq riferit li qeghda tirreklama.

Schembri mhix tikkontesta li impjegat taghha waqt li kien qieghed jesegwixxi x-xogholijiet in kwistjoni laqat u allura ghamel hsara fil-*cables* ta` GO pero` tikkontendi li kull ma gara ma kienx imputabbli ghal htija jew nuqqas da parti taghha. U fir-risposta mahlufa tghid ghaliex.

GasanMamo tikkontesta l-pretensjoni attrici li tista` tkun kundannata thallas danni lil GO ghar-raguni li l-esistenza ta` kopertura assikurattiva da parti ta` GasanMamo a favur ta` Schembri ma tohloq l-ebda relazzjoni guridika ta` GasanMamo a favur ta` GO.

*Una volta* li d-danni pretizi minn GO huma ta` natura akwiljana, huma rilevanti ghal din il-vertenza l-Art.1031 u 1032(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta. Jispetta lil GO l-oneru tal-prova tal-*htija* ta` Schembri ghall-incident u ghad-danni konsegwenzjali.

Qabel taghti kwalsiasi konsiderazzjoni ghall-kwistjoni tal-*quantum* tad-danni, li jidher li huwa kontestat ukoll fil-kawza tal-lum, din il-Qorti sejra tqis l-ewwel il-prova tal-*htija*.

**Ikkunsidrat :**

**<u>Il-Provi dwar Responsabilita`</u>**

Din hija l-kronaka tal-fatti **<u>fil-qosor</u>** kif tohrog mill-provi.

Skond id-dokumenti li kienu esebiti minn **<u>Joseph Chircop</u>** bhala rappresentant tal-Awtorita` dwar it-Trasport ta` Malta ("ADT"), Schembri kellha l-permessi kollha sabiex tezegwixxi x-xogholijiet in kwistjoni li kienu jinkludu x-xogholijiet li huma elenkati a fol 27. Fost id-dokumenti esebiti, hemm inkluza *action trail* dwar il-hidma tal-kuntrattur. Hemm ukoll kondizzjonijiet dwar *utilities* u *general conditions* moghtija mill-ADT flimkien ma` estratti mill-Kap.10 tal-Ligijiet ta` Malta.

Kienet esebita minn **P.C. 1583 Steve Spiteri** kopja tal-okkorrenza tal-pulizija dwar l-incident. Minn dan id-dokument, jirrizulta li *a tempo vergine* inghad –

*Later, Kevin Farrugia (listed as witness) called at this end and explained that he was doing the trenching works with a chain excavator and during the works accidentally he hit the Maltacom pipe. He added that then he contacted the Maltacom about this. Kevin also pointed out that before the works commenced, the Maltacom personnel were supposed to mark exactly where the pipes are embedded so that during the trenching works, the workers can be aware where the pipes are. He added that some days ago while the Maltacom personnel were marking these pipes, it rained and had to stop the marking with the consequence that not all areas were marked. He added that the area where the damaged pipe is, is one of those which was not marked and it was for this reason that he did not realise that there was the pipe.*

**L-Ispettur Keith Arnaud** li fi-zmien tal-kaz kien Surgent bin-Nru.245 spjega li skond Kevin Farrugia fil-parti tat-triq fejn intlaqat il-cable tal-GO ma kienx hemm *markings.* Skond l-istess Farrugia, il-haddiema tal-GO kienu qed jaghmlu l-*markings* pero` ghamlet ix-xita, kellhom jieqfu u ma komplewx jaghmlu s-sinjali.

**Victor Busuttil** *technical executive* tal-kumpannija GO xehed li Schembri avzathom li kien se jsir ix-xoghol in kwistjoni. Huwa baghat lill-*cable overseer* Paul Darmanin fuq il-post sabiex jimmarka fejn kienu ghaddejjin il-*cables* taghhom. Huwa stess mar jivverifika fuq il-post, u sab il-*markings* assocjati man-*network* taghhom. Il-*markings* ma sarux kollha f`gurnata wahda izda *man mano* kif il-kuntrattur kien ghaddej bix-xoghol. Ix-xhud pero` mar darba biss fuq il-post cirka gimgha qabel gara l-incident.

**Paul Darmanin** kien l-*cable overseer* koncernat fil-kaz. Huwa pprezenta kopja tar-ritratti tal-*markings* tieghu. Ikkonferma li l-*markings* ma sarux f`daqqa izda *in stages* skond ix-xoghol li jkun se jsir. Riferibbilment ghal ritratti Dok 10N a fol 64, ix-xhud indika bl-ahmar iz-zona fejn gara l-incident. Dak ir-ritratt ittiehed qabel l-incident. Fir-ritratt esebit a fol 65, hemm ukoll markat bil-blu fejn saret il-hsara. Dak ir-ritratt ittiehed wara l-incident. Bejn iz-zewg ritratti, id-differenza tinsab biss fl-angolu li ttiehdu. Dwar il-marki hodor, ix-xhud eskluda li dawk saru qabel l-incident. Mhux eskluz li minhabba x-xita waqfu jaghmlu l-marki. Il-marki generalment isiru granet qabel ikun se jsir ix-xoghol mhux ezatt fil-gurnata meta jkun sejjer jahdem. Ix-xhud immrkat bl-ittri PD fuq il-pjanta a fol 113 il-post fejn saret il-hsara. Ix-xhud ikkonferma li qabel l-incident huma kienu lahqu mmarkaw mhux sal-kaxxa fejn hemm in-Nru.317 fuq il-pjanta izda anke fil-parti dijagonali fejn taqsam it-triq.

**Joseph Cilia** kien it-*technical executive* tal-kumpannija GO responsabbli mil-lokalita` tal-Msida. Huwa pprezenta kopja tar-rapport tieghu a fol 101. F`ritratt Dok 10M a fol 68 tidher *joint box.* Il-hsara saret ftit metri `l isfel minnha. Il-*cable* safa` milqut mill-haddiema ta` Schembri li kienu qeghdin ihaffru b`*jackhammer*. Mill-kaxxa ghal fejn kien hemm il-*crossing* tal-*cables* kien hemm il-*markings*. Ix-xhud indika b`cirku fuq Dok 10J a fol 65 il-post fejn saret il-hsara. Fuq l-istess ritratt, huwa ghamel l-inizjali tieghu. Ma setax ighid jekk il-marki hodor li jidhru go r-ritratt a fol 65 sarux wara l-incident inkella le. Ix-xhud ikkonferma li wara l-incident hu ha r-ritratti Dok 10B a fol 81, 10C a fol 84, u 10A a fol 85. Ix-xhud esebixxa l-pjanta Dok JC1 u ndika fejn saret il-hsara. Kienet ukoll esebita pjanta ohra li turi kif kibret il-kaxxa wara l-incident.

**Perit Johann Farrugia** huwa l-perit ta` Schembri. Mar fuq il-post ftit wara li kien infurmat minn Kevin Farrugia li gara l-incident. Il-cable li safa` milqut minflok kien qieghed taht il-livell tal-asfalt fond ta` metru (kif solitu

jkun) din id-darba kien inqas minn nofs metru baxx. Inoltre la kellu *warning tape* u lanqas konkos jew *slabs*. Ix-xhud esebixxa sitt ritratti mehuda minnu ezatt kif wasal fuq il-post. Dawn huma annessi a fol 143 u 144. Skond ix-xhud, il-*crossing* fejn intlaqat il-*cable* tal-GO ma kienx *marked*. Fil-fatt il-marki ta` GO kienu posizzjonati izjed `l isfel minn fejn kienu qeghdin ihammlu Schembri. Il-marki hodor li jidhru fir-ritratti saru minn nies tal-GO wara l-incident. Infatti anke fit-tieni ritratt ma tidher l-ebda marka li tindika l-*cable*. Kien ghalhekk li baghat l-ittra Dok JF1 a fol 145. Dwar in-nuqqas ta` *markings*, ma jidhirx li semma xejn lill-pulizija meta kellmuh probabilment ghaliex ma staqsewhx.

**<u>Kevin Farrugia</u>** kien il-foreman ta` Schembri fil-kaz taht ezami. Kienu qeghdin ighaddu *main* tal-ilma. Tal-GO bhal tal-Enemalta u tal-*Water Services* ghamlu l-*markings.* Fejn hu laqat il-*cable* tal-GO, ir-rapprezentant tal-GO ma kienx immarka bl-i*spray* ahdar taghhom. Beda jhammel bil-*bucket* u ma sab l-ebda *warning tape*. Kif qieghed jahdem, laqat il-*cable* ezatt fix-xifer tieghu. Il-marki fejn intlaqat il-*cable* saru minn nies tal-GO wara l-incident. *Pilot holes* isiru skond il-marki li jaghtuhom. U billi ma kienx hemm marki ma sarux *pilot holes*. Lill-pulizija huwa qalilhom li l-marki saru wara. Il-persuna li ghamlet il-marki qabel l-incident ma kienx l-istess wiehed li ghamel il-marki wara l-incident. Kien hemm *joint box* pero` ma kenitx tidher ghax kienet mghottija bil-blajjet.

**<u>Mario Farrugia</u>** jahdem bhala *labourer* ma` Schembri. Huwa kien qieghed biz-zappun jigbed it-terrapien waqt li Kevin Farrugia kien qighed ihaffer bil-*hymac*. Kif ghaddejjin bix-xoghol, safa` milqut il-*cable*. Dan il-*cable* ma kellux sinjali. Wara li nqata` l-*cable*, gew tal-GO u ghamlu s-sinjali.

**Ikkunsidrat :**

**Rizultanzi dwar Responsabilita`**

F`kawzi ta` din ix-xorta, trid titqies l-ewwel in-nisga ta` dmirijiet li jinvestu partijiet b`interessi differenti li xi drabi jirrizulta li jkunu konfliggenti ghalkemm mhux hekk ghandu jkun. Fil-kaz tal-lum, hemm minn naha wahda l-obbligu ta` GO li timmarka kemm jista` jkun bl-ezatt is-sit fejn tinsab l-infrastruttura taghha, u fin-naha l-ohra, id-dmir ta` Schembri bhala s-socjeta` eskavatrici tadempixxi ruhha mal-kundizzjonijiet obbligatorji fil-process ta' l-iskavar li huma ntizi sabiex jigi skansat kull dannu.

Kif kien osservat fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Inferjuri **"Maltacom plc vs Vella et"** deciza fil-15 ta` Novembru 2006 u **"Maltacom plc vs Brincat"** deciza fil-15 ta` Jannar 2010 –

"*l-immarkar ma huwiex xi uzanza merament burokratika imma dak l-immarkar hu hekk impellanti biex jigi individwat b'akkuratezza l-lok fejn tkun posizzjonata l-infrastruttura, u b'hekk jigi skongurat skavar bl-addocc*".

Mill-atti, kjarament jirrizulta x'inhuma l-kundizzjonijiet li kuntrattur huwa tenut li jsegwi fi process ta' skavar ta' triq kif ukoll il-prekawzjonijiet u l-mizuri li ghandu jadotta ghall-harsien ta' l- infrastrutturi sitwati taht il-livell tat-triq. Jissemma t-twettieq ta' "*pilot holes to ascertain oneself the whereabouts of the buried plant*", l-uzu ta' "*proper track location equipment*", u fejn jokkorri l-uzu ta' "*appropriate excavating equipment*".

L-**Art.1132 tal-Kap.12** jigbor fih punt tad-dritt u cioe` li fl-imgieba taghha persuna hija dejjem tenuta li tezercita d-diligenza ta` *bonus paterfamilias*. Din hija disposizzjoni ewlenija fil-kamp tal- obbligazzjonijiet in kwantu tiddetermina l-mizura tal-kondotta tad-debitur ta' l-obbligazzjoni fl-ezekuzzjoni tal-prestazzjonijiet tieghu,

tenut rigward tan-natura tar-rapport partikolari u tac-cirkostanzi ta' fatt li jikkonkorru biex jiddeterminawh.

Jinsab sostenut "*che in diritto la diligenza da essere usata nell'adempimento di una obbligazione e la colpa dalla quale il debitore deve rispondere, sono due concetti che si corrispondono, e si compenetrano nel senso che finche` uno ha usato la diligenza che doveva usare non è in colpa, e quando è in colpa lo si è appunto per non avere usato la debita diligenza*". (ara "**Magro vs Agius**" – Appell Civili 20 ta` Frar 1920). Fl-istess sentenza ssokta jinghad illi "*il diritto Romano ci ha trasmesso la norma generale che traccia i confini della responsabilita` giuridica e che vale a determinare quale sia la condotta che si deve tenere nell'adempimento delle proprie obbligazioni, la quale norma è la diligenza del 'diligens paterfamilias', formula di cui nè la scienza nè la pratica hanno saputo trovare una migliore ...*". Ghas-success tal-azzjoni attrici, irid jirrizulta l-lezjoni tad-dritt tat-terz u li dan ikun f`rapport kawzali dirett ma' l-att jew fatt tas-socjeta` konvenuta" (ara - "**Korporazzjoni Enemalta vs Vella Group Limited**" – Qorti tal-Appell Inferjuri - 8 ta' Gunju, 2006 u "**Korporazzjoni Enemalta vs Vassallo et**" – Qorti tal-Appell Inferjuri - 17 ta' Ottubru, 2008).

Kif affermat il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza taghha tal-21 ta` Mejju 2010 fil-kawza "**Korporazzjoni Enemalta vs V & C Contractors Limited" –**

*Premessi dawn l-enuncjazzjonijiet, huwa bil-wisq ragjonevoli illi n-ness kawzali jrid dejjem ikollu rabta ma' kondotta kolpuza ghal skop ta' htija. Ghar-raggungiment ta' dan wiehed irid b'necessita logika jevalwa l-elementi kollha tal-fattispeci ghall-iskop li jkun determinat b'mod objettiv u fil-konkret l-fatt li jkun ipproduca l-hsara u, s'intendi, ir-responsabilita ta' min dik il-hsara jkun gabha fis-sehh.*

L-obbligi waqt l-ezekuzzjoni tax-xogholijiet huma ndikati mal-permess li tohrog l-ADT. *Inter alia* a fol 46 jinghad hekk –

*The utilities personnel will mark the underground route in contractor`s presence. No trenching is to commence until the above procedure is carried out. Where technically possible utilities` employees will do their utmost to accurately mark the road under which some form of infrastructure exists. However no guarantee that markings given by its representatives are exact. In no case, the contractor will be free of liabilities in case markings are not exactly marked.*

*...*

*It is therefore required that the contractor, utility, company or individual on whose behalf this permit is being issued takes all the responsibility to assure that the underground infrastructure is not damaged. These precautions should include (but are not limited to) appropriate number of pilot holes to ascertain oneself the whereabouts of the buried plant with the aim that no damage is caused. Furthermore it is also being requested that the contractor is to make use of the proper track location equipment to avoid damage to the infrastructure.*

Mela fl-ewwel lok jirrizulta l-obbligu ta` GO li tindika fuq il-wicc tat-triq b'mod kemm jista' jkun ezatt il-posizzjoni tal-infrastruttura taghha. Fl-istess waqt mhux garantit li l-marki li jsiru mill-impjegati ta` GO jkunu precizi. Ghalhekk il-kuntrattur huwa obbligat jiehu "*all the responsibility to take the necessary precautions to assure that the underground infrastructure is not damaged.*" Fost dawn il-prekawzjonijiet
hemm stipulat li l-kuntrattur ghandu jaghmel "*the appropriate number of pilot holes to ascertain oneself the whereabouts of the buried plant with the aim that no damage is caused.*" Inoltre "*the contractor is to make use of the proper track location equipment".* Jinghad ukoll li "*optic cables, empty ducts and cables laid beyond a*

*certain depth cannot be track located."* Ghalhekk il-kuntrattur huwa obbligat li juza appart ta' skavar li ma jaghmilx hsara lil dik l-infrastruttura. Propju ghalhekk li huma rakkomandat l-uzu ta` *handtools* ghal dak ix-xoghol.

Din il-Qorti tghid li fil-kaz tal-lum irrizulta li Schembri talbet lil GO meta kien waqtu sabiex taghmel il-*markings* tal-*cables* taghha li kienu jinsabu taht l-art. Minn hemm `il quddiem, kien jinkombi lil GO li timmarka fejn fit-toroq (jew partijiet minnhom) fejn kienet sejra tahdem Schembri kien hemm xi infrastruttura taghha, u dan sabiex il-kuntrattur ikun jopera fis-sigurta` kemm ghalih izda fuq kollox ghal GO stess.

Mad-daqqa t`ghajn, il-klawsoli fuq riferiti kienu ntizi sabiex toghla r-responsabilita` tal-kuntrattur ghal danni fis-sens li anke jekk il-*markings* jirrizulta li jkunux hekk precizi, jibqa` xorta obbligu tieghu li jezercita d-diligenza ta` *bonus paterfamilias* billi jadotta dawk il-mizuri ta` prevenzjoni adatti sabiex ma ssirx hsara ghad-dannu ta` haddiehor, fil-kaz tal-lum ghall-infrastruttura ta` GO.

Schembri tghid li meta kienet qeghda tahdem qabel sehh l-incident *de quo* ma kien hemm l-ebda *markings* ta` GO fit-triq. Ziedet tafferma li l-*markings* li hemm fir-ritratti (a fol. 64 *et seq* u fol. 143 u 144) saru minn nies ta` GO wara li sar l-incident. GO tichad dak allega minn Schembri u ssostni li l-*markings* kienu fil-post qabel sar ix-xoghol.

Ghall-fini tal-vertenza mertu ta` din il-kawza huwa vitali li jigi stabbilit jekk meta Schembri giet biex tahdem u qabel (mhux wara) saret il-hsara, kienx assikurat li GO taghmel il-*markings* taghha wara talba minn Schembri,

Din il-Qorti qieset dak riportat fl-okkorrenza tal-pulizija dwar l-incident. Qieset ukoll dak li wiegbet

Schembri (fol 145) ghall-interpellanza ta` GO sabiex Schembri thallasha d-danni u cioe` -
*I wish to inform you that although several cables were marked on site this particular cable was not marked. Proof of this is that your personnel marked this cable on site after the incident happened and this can be documented by the photographs we have taken on site.*

Qieset dak li xehed Kevin Farrugia, l-impjegat ta` Schembri, li kien ukoll *foreman* u li waqt li kien ghaddej bix-xoghol laqat il-*cable* in kwistjoni.

Kevin Farrugia jghid li meta talab lill-haddiema tal-GO sabiex jaghmlu l-marki, dawn qalulu li peress li kienet ix-xita ma kienux ser jaghmlu l-marki dakinhar. Huwa stqarr hekk –

*Tal-Go, qalli mhux gej illum qalli ghax ix-xita. Ghidltu mhux problema ghidtlu jien m'inhix mghaggel hawnhekk, ghidtlu tista' timmarkali meta tkun wieqfa x-xita ghax kelli x-xoghol, il-bicca ta' fuq, bankini, konkos sakemm nasal. U ghaddiet gimgha.*

Kevin Farrugia jkompli jixhed hekk (ara fol. 175) -

*Xhud: It-tlieta li huma, tal-Go m'ghamlulix imma, tal-Go ma kienx hemm immarkati, tal-Enemalta kelli mmarkata fuq bankina faccata.*
*Qorti: Ghaliex tal-Go m'ghamluhiex?*
*Xhud: Ghax ma kienx hemm.*
*Qorti: X'jigifieri ma kienx hemm?*
*Xhud: Ma kellix, ma mmarkalix li kelli.*
*Qorti: X'ma kienx hemm?*
*Xhud: Cables. Il-parti ta' fuq immarkali kollox jigifieri kien fadalli parti biex jimmarkahhieli.*
*Qorti: U fejn taf li ma kienx hemm cables tal-Go?*
*Xhud: Ghax ma mmarkalix bl-ispray hu, ghax hu l-ispray taghhom ahdar.*

Dwar x`gara wara li laqat il-cable u wara li avza lill-imghallem ta` GO, Kevin Farrugia jixhed hekk (ara fol.176) -

*Xhud: ....... kien hemm xi tnejn minn tieghu gew bil-pjanti, gew bid-detector kulhadd jimmarka.*
*Avukat: X'jigifieri kulhadd jimmarka?*
*Xhud: Kulhadd gej bil-pjanta jimmarkali l-cables dak il-hin imbaghad. Ghidtlu kif tridni nkun naf jiena?*
*Avukat: Jigifieri gie jimmarka wara l-incident?*
*Xhud: Wara l-incident, u konna gejjin fl-idejn. Ghidtlu mela jien qed tahsibni iblah lili, m'inix narak timmarka! U konna gejjin fl-idejn ukoll.*
*Il-Qorti: U hallejtu jimmarka inti?*
*Xhud: Konna gejjin fl-idejn, bdew izommuni mbaghad.*
*Omissis*
*Qorti: U min immarka l-istess bniedem li kien immarkalek l-ewwel darba?*
*Xhud: Le.*
*Qorti: U int ikkonfrontajtu ghidtlu isma siehbek li mmarkali hemm fuq ma mmarkalix hawn, ghidltu xi haga hekk ....?*
*Xhud: Ija mela, mela.*
*Il-Qorti: U x'qallek.*
*Xhud: Qalli dik m'ghandix x'naqsam maghha jien.*

Dan ix-xhud kien korraborat minn impjegat iehor ta` Schembri u cioe` Mario Farrugia (ara fol. 197 *et seq*).

Il-Perit Johann Farrugia li kien inkarikat minn Schembri xehed hekk (ara fol 152) -

*Il-crossing jigifieri l-cable minn fejn kien ghaddej, minn fejn intlaqat ma kienx immarkat. Ma kienx immarkat minnhom jigifieri, kien hemm cables ohra mmarkati kemm il-fuq u kemm izjed l-isfel minnu, imma dak il-cable partikolari ma kienx immarkat.*

*Imma mhux ma kienx immarkat jigifieri ghax ma kienux immarkaw, gie immarkat u gie maqbuz dal-cable qed*

*tifhem, mhux jigifieri mmarkaw minn hemm il-fuq u ahna ghamilna hawn isfel. Huma l-marki taghhom kienu nezlin izjed l-isfel minn fejn hammilna effettivament. Imma dak il-cable partikolari l-crossing ma kienx immarkat u jidher mir-ritratt jigifieri wkoll.*

Dwar ir-ritratt esebiti minn fol 143, il-Perit Farrugia xehed hekk -

*Il-marki dawk saru wara li kienu gew in-nies tal-Go, il-marki f'dik l-area partikolari li tidher saru minn nies tal-Go wara l-incident. Fil-fatt fir-ritratti jidhru li ghadhom marki friski hafna u fuq l-ilma jigifieri.*

Il-Perit Farrugia jsostni li apparti li ma kienx immarkat, il-fond tal-*cable* ma kienx ta` metru taht il-livell tal-asfalt izda prattikament taht il-wicc tat-triq. Huwa evidenti li Schembri ressqet dan il-punt b`mod sussidjarju bhal ma ghamlet fir-rigward tal-kwistjoni minnha allegata li l-cable ma kellux warning tape u lanqas slabs. Ghall-fini ta` din il-kawza, dawn il-konsiderazzjoni m`ghandhomx rilevanza diretta ghaliex il-punt principali jibqa` jekk tassew sarux il-*markings* inkella le. Dwar il-kwistjoni tal-profondita`, din il-Qorti tghid in linea ta` principju li l-kuntratturi ghandhom jipprestaw attenzjoni partikolari waqt xogholijiet ta` skavar u jipprevedu li *cables* jistghu ma jkunux fi profondita' ta' dik solita anke tenut kont tal-fatt li almenu l-profondita' tal-*cables* ma jirrizultax li hija mkien regolata u sakemm din il-profondita` ma tkunx regolata l-obbligu ta` prevenzjoni ta` hsara mill-kuntrattur tibqa` veljanti.

Dwar il-*markings*, din il-Qorti qieset l-assjem tal-provi li gabet GO u ssib li l-*cable overseer* Paul Darmanin meta kien mistoqsi sabiex ighid jekk il-marki hodor li kien hemm fit-triq setghux saru wara li ntlaqat il-cable huwa stqarr hekk - *'Le, le il-marki generalment isiru qabel'*

Dwar jekk kenitx ghamlet ix-xita, Darmanin ighid a fol 136 –

*Avukat: Ara tiftakarx ukoll illi fil-fatt kien hemm okkazjoni meta kontu qed taghmlu l-marki u waqaftu ghax kienet bdiet taghmel ix-xita.*
*Xhud: Ma niftakarx dan partikolari imma generalment meta taghmel ix-xita nieqfu issa jista' jkun li anki f'dan il-kaz gara hekk.*

L-Ispettur tal-Pulizija Keith Arnaud xehed (a fol. 60) –

'*Kevin Farrugia qalli li kienu bdew u kienu waqfu minhabba x-xita pero' ma qallix li regghu gew u ghamlu bnadi ohra u dik il-bicca m'ghamluhielux, qalli li bhal speci waqfet u waqfu mill-markings, ma qallix li regghu gew jigifieri li dik il-bicca qabzuha fejn gara l-incident'.*

Joseph Cilia ta` GO ighid –

*Avukat: Issa, ara nghidlekx sew, meta mort fuq il-post inti l-marki li hawn f'dar-ritratt bl-ahdar ma kienux hemm, saru wara.*
*Xhud: Ma nistax nghid jiena, ma nistax nghidlek jien dik il-mistoqsija.*

Huwa evidenti li dwar il-kwistjoni tal-*markings* jirrizultaw provi kontrastanti. Issa kemm Joseph Cilia kif ukoll Paul Darmanin ma *jidhrux ghal kollox* certi li s-sinjali saru qabel ma bdew ix-xogholijiet. L-okkorrenza (fol 54) kienet redatta *a tempo vergine* u allura ghandha tinghata aktar affidament. Issa f`din l-okkorrenza hemm miktub hekk -

*The Police called on site and found that in the mentioned streets, there is some trenching work in progress and exactly in the crossroads, there is a big hole, which is part*

*of the trenching works, with the Maltacom pipe embedded underneath the tarmac.*

Ghal din il-Qorti dan il-fatt, riskontrat minn persuni minghajr *interesse di parte,* jikkorrobora t-tezi ta` Schembri li tghid li l-cable ma kienx wisq `l isfel mill-wicc tat-tarmac.

L-argument ta` Schembri huwa li hija ma skavatx bl-addocc u ladarba ma kienx hemm *markings* adegwati lanqas ma setghet tinsab fi htija ghaliex dak l-event ta' hsara ma kienx lanqas prevedibbli ghaliha, la ma kellhiex konoxxenza ta' l-ezistenza tal-*cables* fil-parti tal-*crossing* u l-kondotta ta' l-operat taghha kienet regolata kif imiss.

L-assjem ta` dan il-mosajk ta` provi jsostni d-difiza ta` Schembri kif
tinsab riflessa fl-ewwel eccezzjoni taghha. Dan qed jigi rilevat anke fil-kuntest tal-kondizzjonijiet tal-ADT li jaghmlu parti integrali tal-permess li jinghata lill-kuntrattur sabiex jiskava. Din il-Qorti tghid li sabiex tista` tiskatta r-responsabilita`, jekk tkun pruvata, tal-kuntrattur, irid ikun hemm *in situ* l-*markings* fit-termini ndikati fil-kondizzjonijiet tal-permess. Fl-assenza ta' dawk il-*markings*, jekk jirrizulta li tkun imputabbli mhux ghal nuqqas tal-kuntrattur izda ghall-*ente de qua* propjetarja tal-utilitajiet in kwistjoni, ir-responsabbilita' tal-kuntrattur ma tkunx tista` tiskatta ghaliex ikun mankanti n-ness ta` kawzalita` bejn il-fatt kolpuz u l-event dannuz li huwa l-fondament tal-azzjoni akwiljana.

Din il-Qorti tghid li fejn isiru l-*markings,* propju ghaliex mhux dejjem il-*cables* ikun sitwati preciz fejn juruhom l-*markings,* jaghmel sens li l-kuntrattur kull tant distanza jaghmel *pilot holes* u *occorrendo* juza *track location equipment* sabiex jaghmel *assessment* akkurata tal-posizzjoni propja tal-*cables* u allura jahdem kemm jista` f`distanza adegwata ta` sigurta` boghod minnhom.

Izda fejn propju ma jkunx hemm *markings* din il-Qorti ma tifhimx l-utilita` tal-*pilot holes* u tat-*track location equipment* propju ghaliex l-assenza ta` markings jeskludu ghal kollox il-presenza tal-cables.

Kull kaz ghandu jkun esaminat fuq il-mertu u l-fattispece partikolari tieghu. Dan ighodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza. B'hekk il-gudikant ikun f'qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu. Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita` tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet.

Din il-Qorti tghid bhala punt ta' dritt li l-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa` assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Issa fil-kaz tal-lum din il-Qorti trid tara jekk GO issoddisfatx dak l-oneru u cioe` il-legittimita' tal-pretensjoni taghha jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement pruvati (*non esse et non probari paria sunt*).

Kollox meqjus din il-Qorti tghid li ghall-fini tal-ewwel talba l-kumpannija attrici ma waslitx ghall-prova tal-htija tal-kumpannija konvenuta Schembri sal-grad rikjest mil-ligi. Din il-Qorti tikkonfessa illi ma hijiex konvinta, fuq l-istregwa tal-provi, kemm il-htija ghall-hsara fil-*cable* ipprokurata minn Schembri ghandha titqies kolpuza. Ghalhekk din l-ewwel talba qeghda tkun respinta.

Konsegwentement anke z-zewg talbiet l-ohra se jkunu rigettati nkluz fejn dawn jirreferu ghall-kumpannija konvenuta l-ohra GasanMamo Insurance Limited.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li tilqa` l-eccezzjonijiet tal-kumpanniji konvenuti, tichad it-talbiet attrici kif dedotti kontra taghhom, bl-ispejjez kontra l-kumpannija attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------